KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Seba  LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 68 Tnejn 19 ta' Novembru 2018

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-7:50 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
Keith Cassar – Sindku
James Cassar -Viċi Sindku
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Jesmond Gauci-Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Mario Sammut – Kunsillier
Christian Borg – Kunsillier
Joe Gatt-Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Keith Cassar ippresjeda l-laqgħa.

**68.1** Qari tal-ittri ta' apoloġiji
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittri ta' apoloġiji, ta' Christian Borg, Mario Sammut u Joseph Gatt. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġiji.

68.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 67
67.4.3 Siġra
REF: 66.4.3 Il-Kunsillier Deguara staqsa dwar is-siġra li kella tkun miżbura mil-Kuntrattur.
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li din għaddiet lil-Pulizija għal-*enforcement* tagħhom. Ir-raġuni hija, li f'każijiet bħal-dawn ma nistawx niżbru aħna peress li proprjeta privata, u jekk jgħamel ix-xogħolijiet il-Kunsill jkun qed joħloq preċedent.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 67.

68.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 68.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Permessi ta' Parkeġġ

Is-Sindku ippropona li kull ex-Sindku jingħata permess ta' parkeġġ fil-*parking bays* tal-Kunsill bħala turija ta' rispett u apprezzament tal-ħidma tagħhom. Dan dejjem jekk il-*parking bays* ma jkunux okkupati.
Il-membri preżenti unanimament approvaw.

### 68.3.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Christmas Village

Is-Sindku nforma li l-avveniment tal-Milied ħa jsir fil-15 u 16 ta' Diċembru, fejn il-Kunsill ħa jtella programm fil-15 ta' Diċembru. Bħala parteċipazjoni ħa jkun hemm skejjel ta' żfin, kor tat-tfal, Chiara, il-*band* X-Tend u l-Greenfields.
Il-Paroċċa ħa tkompli fuq il-programm billi ħa titella tinda fil-parkeġġ fejn ħa jkun hemm *kids area.*

Is-Sindku talab approvazzjoni tal-membri preżenti biex bħal ma jsir kull sena, fil-ġranet tal-Milied jkun hemm banda li tkun qed iddur l-*businesses*, bħala ringrazzjament talli pparteċipaw fil-ġbir ta' flus għad-dawl tal-Milied. S'issa nġabru madwar 6,000 Ewro u l-Kunsill ħa jkun qed jirdoppja dan l-ammont.

Il-membri preżenti unanimament approvaw.

Is-Sur Frans Deguara ħa nota biex il-*businesses* jissemmew fil-gazetta li jmiss ta' Mosta Solidali.

### 68.3.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Siġra tal-Milied fil-Pjazza

Is-Sindku nforma li ġie avviċinat min negozjant Mosti, fejn l-arblu li hemm fil-Pjazza, li jintuża biex fil-festa titella bandiera, dan jiġi użatt u trasformat f'siġra tal-Milied magħmula bid-dawl. Dan in-negozjant lest li jisponsorja nofs l-ispejjes, fejn l-ispiża tal-Kunsill tkun madwar 2,000 Ewro. Il-membri preżenti unanimament approvaw.

Fit-8:04pm daħal għal-laqgħa s-Sur Bjorn Bonello biex jippreżenta r-rapport tiegħu dwar it-traffiku fi Triq Valletta.

### 68.3.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku – 25 Sena Librerija

Is-Sindku nforma li l-Kunsilliera għandhom jirċievu nvit għal-14 ta' Diċembru.

### 68.3.5 Kommunikazzjoni mis-Sindku – Bord tal-claims u interviews

Is-Sindku nforma li l-Kunsilliera Rachel Tua kkonfermat li mhux ħa tibqa tifforma parti mil-bord tal-*claims* u l-*interviews*.
F'rigward il-bord tal-*claims* il-Kunsilliera Bonnici ħa titkellem mal-Kunsillier Mark Micallef Costa biex jaraw bejnithom min se jieħu posta, u fuq il-bord ta' l-*interviews* se tieħu posta l-Kunsilliera Maria Pia Bonnici.

### 68.3.6 Korrispondenza - Email-Rural development programme 2014-2020 measue 4.4

Is-Sindku rringrazzja lil-Kunsillier Gianluca Busuttil għax-xogħol tiegħu fuq fondi mil-MEUSAC biex jsiru ħitan tas-sejjieħ (*Rubble Walls).* Għal-dawn il-fondi ġew identifikati ż-żoni u applikajna. L-applikazzjoni kienet għal-95,000 Ewro fejn il-Kunsill ingħata 80% fondi, li

jammontaw għal-75,000. Għal-dan il-proġett marbutin b'*deadlines* u għalhekk irridu nibdew naħdmu minnufiħ biex jinħareġ it-tender.
Is-Sindku rringrazzja wkoll lil-istaff tal-Kunsill għax-xogħol li sar mil-*back office*.

**68.3.7 Korrispondenza – Email: Ismijiet tat toroq pendenti**
Is-Sindku nforma li Triq il-Bażilika ġiet aċċetata u ħa jinbiddel l-isem mil-Pjazza san-Naxxar. Qegħdin f'kuntatt mad-dipartiment ta' l-istreet Naming Committe, biex naraw il-proċess li jrid jsir.

Wkoll hemm żewġ toroq li għadhom pendenti li huma; tas-Swaey li tagħti min San Pawl tal-Qlejja għal Triq Durumblat, fejn din ma ġietx aċċetata, u qed jiproponu li Triq li tissemma għal-Freddie Micallef tkun it-triq mad-dawra taċ-ċentru ċiviku, min naħa ta' wara tal-parkeġġ pubbliku. Is-Sindku irrifjuta dan is-suġġeriment peress li ma jurhiex rispett lejn persuna li ħallietna.

**68.3.8 Korrispondenza – Ċirkulari SP 12/2018-Skema Finanzjarja favur il-Komunita: Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports**
Is-Sindku nforma li applikajna għal-skema Finanzjarja favur il-Komunita: Ħajja aħjar permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sports, fejn nistaw nibbenefikaw għal massimu ta' 3,000 Ewro. Bħala Kunsill għadna *outdoor gym* pjanat fiż-żokkrija u għalhekk dawn il-fondi applikajna biex jmorru għal dan il-proġett.

**68.3.9 Korrispondenza - Email-Allokazzjoni Finanzjarja għal 2019**
Is-Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda konferenza stampa dwar l-allokazzjoni Finanzjara 2019. L-allokazzjoni tal-Gvern għal-Kunsilli Lokali żdiedet b'5.49%, fejn l-allokazzjoni tal-Mosta żdiedet b'67,744 Ewro, u għalhekk għal-2019 l-allokazzjoni Finanzjara ħa tkun total ta' 1,304,000 Ewro min 1,236,000 li l-Kunsill kien ġie allokat fl-2018.

Saret sospensjoni tal-minuti biex jiġi spjegat ir-rapport li ħejja l-Planner is-Sur Bjorn Bonello, item 68.5.1.

**68.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**68.4.1 Bins**
Il-Kunsillier Deguara ressaq suġġeriment min residenti biex jsir *bin* fejn l-istage ta' Mlit fi Vjal Indipendenza, peress li hemm wieħed tal-klieb u l-pubbliku qed jarmi fiħ skart ieħor. Is-Sindku nforma li l-Gvern Ċentrali ħa joħroġ tender biex jinbidlu l-bins, u jsiru bid-diviżorji ħalli jiġi s-seperat l-iskart.
Fil-fratemp xorta ħa jitwaħħal bin għal-skart ġenerali sakemm jsiru l-*bins* mil-Gvern Ċentrali.

**68.4.2 Ħarġa tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li l-aħħar ħarġa li saret ir-Rinella attendew 76, u li l-ħarġa li jmiss ħa tkun wirja ta' bambini fl-20 ta' Diċembru.
Nforma lil-membri preżenti li qed jinħadem il-programm għal-2019.

**68.4.3 Party għal-Anzjani**
Il-Kunsillier Deguara nforma lil membri li l-party tal-Milied għal-anzjani ħa jsir fit-28 ta' Diċembru mid-9:00am san-12:00pm.

### 68.4.4 Triq Durumblat

Il-Kunsillier Tanti ressaq ilment biex jsir manutenzjoni fi Triq Durumblat peress li hemm il-ħofor.

### 68.4.5 PAMA

Il-Kunsillier Tanti qal li wara r-rapport li tagħna s-Sur Bjorn Bonnello, importanti li ssir laqgħa mal-PAMA għax ma jistax jkun nibqaw nbgħatu l-konsegwenzi tat-traffiku li qed jinħoloq mil-PAMA, għax l-għan tar-rapport huwa iktar mitfuħ fuq sigurta, fejn Triq Valletta mhijiex perikoluża għax ta' spiss tkun traffikuża. Dan mhuwiex argument li ngħidu li saret *safe* għax hemm it-traffiku, għax l-inkonvenjent li qed jinħoloq mhux ser jittranġa.

Is-Sindku nforma li talab li l-*entry* u l-*exit* tal-PAMA jkunu min Triq Pantar, u ħa nkomplu nitkelmu fuqa.

### 68.4.6 Sinjali tat-Toroq

Il-Kunsillier Tanti qal li ħafna mil-line markings tat-toroq qed jiċċaraw, u tajjeb li nibdew nżuru żona żona biex dawn jibdew jinżebgħu. Is-Sindku nforma li fil-verita l-*foreman/handyman* tal-Kunsill huwa waħdu u ma jlaħħaqx. Is-Sindku nforma wkoll li ħa jinbiddlu l-kuntratti tal-ħaddiema li jiġu assenjati mid-District Operations. Mill-esperjenza li kellna aħjar żewġ min-nies jaħdmu milli jkollna erba jgħamlu xogħol ta' tnejn, għax tispiċċa trid toqgħod magħhom għax ma tistax tħallihom jaħdmu waħedhom.

### 68.4.7 Skart

Il-Kunsilliera Bonnici ma xtaqietx tgħaddi kummenti fuq l-iskart, pero' intervjena s-Sindku u nforma li l-Kunsill m'għandu x'jaqsam xejn fuq l-iskeda tal-ġbir ta' skart li bdiet fil-31 ta' Ottubru.

Is-Sindku nforma lil membri preżenti li tkellem ma s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Silvio Parnis fuq laqgħa li kellhom l-Outlook mal-kuntratturi fuq il-ġbir ta' skart, fejn qed jobbligaw lil-kuntratturi biex l-ewwel jinġabar l-iskart organiku imbagħad il-borza s-sewda u/jew il-borza l-griża/ħadra. Id-differenza hija li bl-*organic* il-kuntrattur jrid jinżel biha Wied il-Għajn, allura l-Mosta ħa jdum iktar biex jinġabar kollox għax jrid jerġa jitla l-Mosta biex jiġbor il-borza s-sewda jew tar-reċiklaġġ. Għalhekk trid tinstab soluzzjoni biex il-kuntrattur mil-Mosta jinżel il-Magħtab.

### 68.4.8 Triq Kurat Schembri

Il-Kunsilliera Bonnici stqarret li s-sitwazzjoni fi Triq Kurat Schembri saret mhux biss inkonvenjent imma ta' periklu, għax qed jipparkjaw 3 *lanes* u jgħalqu t-triq u l-bibien tar-residenti. U għalhekk hemm bżonn Community Officers il-Ġimgħa u s-Sibt filgħaxijiet.

Is-Sindku staqsa lil Kunsilliera Bonnici jekk għandhiex kuntatt tas-Sur Ray Zammit iċ-Chairman tal-LESA, biex tkellmu u tirraporta. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat li meta kelmet lis-Sur Zammit infurmaha li Community Officers ma jaħdmux filgħaxijiet, u l-għada hi stess ingħatat ċitazzjoni fit-8:00pm. Il-Kunsilliera Bonnici reġet ċemplet lis-Sur Zammit biex tinfurmaħ li wara kollox jaħdmu l-Community Officers filgħaxijiet, pero' risposta mis-Sur Zammit ma ngħatatx. Qalet wkoll li baqgħet tipprova tirraporta lis-Sur Zammit pero' mhux qed jirrispondija. Il-Kunsilliera Bonnici nfurmat wkoll li kien hemm każ fejn żewġt irġiel bdew jipruvaw jgħinu ambulanza tgħaddi meta din suppost tibqa għadejja bla ebda ostaklu. Din issa ġiet *issue* ta' sigurta'.

Il-Kunsilliera Bonnici ħa tiprovdi ritratti biex ngħadduhom lil-LESA għal-*enforcement.*

**68.4.9 Bankina faċċata il-każin Laburista**

Il-Kunsillier Frans Deguara rraporta li jista jkun hemm xi ħofra. Is-Sindku nforma li din bankina faċċata tal-każin Laburista, fejn tal-linja telgħet il-bankina biex tgħaddi u kissret il-bankina u anke tappiera tad-drenaġġ. Din ġiet irrapurtata lil Transport Malta u qalulna biex ma nsewwux il-ħsarat. Is-Sindku nforma lil-Impjegat tal-Kunsill biex jibgħat lil-kuntrattur jsewwi l-ħsarat u jintbgħat il-kont lil Transport Malta.

Il-lejla fil-5:30pm irċevejna *email* min Transport Malta fejn tgħid li tpoġġiet ħadida temporanja, u nfurmawna li jekk nsewwu l-ħsarat qabel ma ssir l-investigazzjoni meħtieġa nkunu qed noħolqu problema, u jżommu lil-Kunsill responsabbli.

**68.4.10 Public Toilets**

Il-Kunsilliera Bonnici staqsiet f'hiex wasal il-proġett tal-*public toilets.* Is-Sindku nforma li tfajna l-applikazzjoni ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar.

**68.4.11 Bankina Triq Il-Midbaħ**

Il-Kunsillier Frans Deguara staqsa jekk hux ser titkompla l-bankina ta' Triq il-Midbaħ. Is-Sindku nforma li saret parti minna, kif wkoll fakkar li l-Kunsill kien qabel li jsiru *bollards* fuq il-*yellow lines.*

Is-Sindku nforma lis-Segretarju Eżekuttiv biex tinforma lil-kuntrattur tal-PAMA biex titkompla l-bankina fi Triq il-Midbaħ, u jsiru *orange bollards* fil-kantuniera fuq il-*yellow lines*.

**68.5 Rapporti**

**68.5.1 Rapport - Traffiku Triq Valletta.**

Il-Planner is-Sur Bjorn Bonello ġie mqabbad mil-Kunsill biex jħejji rapport professjonali u d-dettaljat kif ġie mitlub min Transport Malta, wara laqgħa li kienet saret fuq il-post bejn Transport Malta, LESA u l-Kunsill.

Is-Sur Bonello spjega fid-dettal lil membri preżenti r-rapport tat-traffiku li qed jinħoloq fi Triq Valletta, liema rapport qed jiġi anness mal-minuti Annex 1 u Annex 2.

Fis-8:50pm is-Sur Bonello kkonkluda r-rapport tiegħu u ħareġ mil-laqgħa.

**68.5.2 Ġibjun**

Is-Sindku nforma li bl-ammont ta' xita li niżel, il-ġibjun far għax jidher li l-ilma żejjed ma hemmx fejn jmur għax il-katusa dejqa, u għalhekk ħa ssir spezzjoni biex naraw nistawx inkabbru il-katusa.

**68.5.3 Main Street ma Sqaq Nru. 3**

Is-Sindku nforma li sqaq nru. 3 huwa privat pero' ħa ninvestgaw il-parti tat-triq li taqa' fir-responsabilta tal-Kunsill li m'hemmx problemi.

**68.5.4 Joseph Grech**

Is-Sindku nforma li ħalliena is-Sur Joseph Grech li kien ingħata rikonoxximent fl-2016, u l-funeral tiegħu ser jsir fir-Rotunda nhar l-Erbgħa 21 ta' Novembru 2018 fit-3:30pm.

68.5.5 Ikla tal-Milied Kunsilliera u Staff

Is-Sindku nforma li ħa jiċċirkula *email* b'data għal-Jannar biex ssir l-ikla tal-Milied għal Kunsilliera u Staff.

68.5.6 Update – Sejħa għall-post ta' Skrivan/a Skala 15

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-Job Plus bagħtu lista ta' 104 submissions tal-Part 3 li kien pero minnha applikaw 3 biss. L-applikazzjonijiet għalqu fit-8 ta' Novembru 2018. L-*interviews* ħa jsiru l-Ħamis 22 ta' Novembru 2018.

68.5.7 Memorandum of Understading -Nanniet

Is-Sindku nforma li l-MOU Nanniet Malta – Active ageing Hub ġie ċċirkulat mal-Kunsilliera, u ġie ffirmat l-Ġimgħa 16 ta' Novembru.

68.5.8 Proċess tat-Tender Service of Foreman & Handyman

Is-Sindku nforma li beda l-proċess biex jinħadem it-tender għal-Foreman u Handyman.

**68.5.9 Proċess tat-Tender KLMT-03-2018 – Street Sweeping Services in the Locality of Mosta, using Environmentally Friendly Service.**

Is-Sindku nforma li l-evalwazzjoni saret u rebaħ t-tender Galea Cleaning Solutions JV. Issa l-proċess li jmiss hu kemm nibgħatu ittra lil-*bidders* kollha u jibdew l-10 t-ijiem ta' kontestazzjoni.

68.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

68.6.1 Skeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 82.

Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 30 ta' Ottubru 2018 sad-19 ta' Novembru 2018.

68.6.2 Purchase Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-purchase orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

68.6.3 Works Orders

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.

Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

68.6.4 Petty Cash

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill Il-lista tal-petty cash.

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu Il-lista tal-petty cash li tkopri xahar ta' Ottubru 2018.

## 68.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-10 ta' Diċembru 2018 fis-7:30 p.m.

Konfermati llum 19 ta' Novembru 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Keith Cassar | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |